MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Numru: 100/2018 LM

**Joseph Muscat (K.I. Numru 288670M)**
***(l-appellant)***
***vs.***

**Trevor Catania (K.I. Numru 132995M)**
***(l-appellat)***

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Joseph Muscat** minn lodo arbitrali numru M4644-2016 mogħti fit-13 ta' Settembru, 2018, [minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali"] mill-Arbitru l-Avukat Dott. Philip Manduca [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa 'l

quddiem "iċ-Ċentru", li permezz tiegħu ddeċieda billi ċaħad it-talba tal-appellant bl-ispejjeż kontrih.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, fil-25 ta' Settembru, 2015, bejn il-vettura tal-għamla *Toyota Hi-Ace* bin-numru ta' reġistrazzjoni DBM 086 misjuqa mill-appellat **Trevor Catania** u proprjetà tas-soċjeta' Sidonia Enterprises Ltd u l-vettura tal-għamla *Range Rover Evoque HB* bin-numru ta' reġistrazzjoni LCR 519 misjuqa minn Kelly Puglisevich [minn issa 'l quddiem "Puglisevich"] u proprjetà tal-appellant.

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta' Avviż u Talba ppreżentati fis-16 ta' Frar, 2016, fejn talab: (a) li l-appellat jiġi dikjarat unikament responsabbli għad-danni riżultanti mill-inċident; (b) il-likwidazzjoni tad-danni fl-ammont ta' €9,502.29 jew somma oħra verjuri; u (ċ) il-kundanna tal-appellat għall-ħlas ta' dawk id-danni hekk likwidati, oltre l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Novembru, 2015, numru 3851/2015 u l-imgħaxijiet mid-data tad-deċiżjoni sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-appellat wieġeb permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub ippreżentata fiċ-Ċentru fil-11 ta' Awwissu, 2017, fejn issottometta li hu ma kienx responsabbli

għall-inċident, iżda kienet proprju responsabbli dik il-persuna li kienet qiegħda ssuq il-vettura tal-appellant fil-ħin tal-inċident. Għal din ir-raġuni lanqas ma kien responsabbli għal xi ħlas ta' xi danni li jistgħu jkunu dovuta lill-appellant. Mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad, l-appellat eċċepixxa wkoll li l-ammont mitlub kien wieħed eċċessiv u mhux dovut mingħandu.

## Il-lodo arbitrali

5. Fit-13 ta' Settembru, 2018, l-Arbitru ċaħad it-talba tal-appellant, bl-ispejjeż kontrih, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"KONSIDERAZZJONIJIET TAL-ARBITRU DWAR RESPONSABILITA*

*Illi ma hemmx dubju li min joħrog minn "parking" jrid joqgħod attent li ma jiddisturbax vetturi fit-triq. Eżatt wara l-inċident Kelly Puglisevich ma qalitx li ma ħarset jew li xegħlet l-indicator … iżda qalet li ħarġet mill-parking.*

*Fil-kawża **Ciantar vs Coleiro** (PA 13/7/2001) intqal mill-Qorti:*

*"Il-verżjoni li s-sewwieq jagħtu lis-surġent "a tempo vergine" hija l-iktar waħda kredibbli għaliex tingħata spontanjament mingħajr ma s-sewwieq ikollhom ċans jaħsbu, jintebħu b'ċertu affarjiet, jitkelmu ma' terzi u konsegwentement ivarjaw il-verżjoni tagħhom kif jaqblilhom."*

*Catania immediatament wara l-ħabta qal li Puglisevich ħarget f'salt mill-parking.*

*Illi dwar kemm kienet viċina l-"parking place" għal "ispot of impact" – Catania jgħid li l-inċident ġara viċin ħafna għal fejn kienet ipparkjata. Puglisevich tgħid li mxiet distanza ta' żewġ karozzi qabel il-ħabta. Kien hemm tyre marks ta' 9.8 metre minn wara tal-van. Dan ifisser li speed ta' circa 41kfs.*

*Jirriżulta għalhekk evidenti illi Puglisevich bħala s-sewwieqa tal-karozza tal-attur bil-manuvra tagħha waqt li kienet qed toħroġ minn fejn kienet ipparkjata, kisret ir-regola 53 tal- Highway Code li tgħabbi b'responsabilitajiet partiklari lil min ikun ser jimxi bil-vettura tiegħu minn pożizzjoni stazzjonarja. F'dan ir-rigward huma*

*applikabbli u ferm adattat għaċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti dak li ntqal mil-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet:* ***"Brian Valenzia noe. vs Monica Calleja"*** *fl-14 ta' Ġunju 1995 fis-sens illi: "…il-konvenuta kienet negliġenti fis-sewqan billi ma żammitx il-'proper look out' waqt li qed tagħmel manuvra perikoluża u li biha setgħet kif fil-fatt għamlet ostakolat il-passaġġ liberu ta' traffiku ieħor. L-istess prinċipju ġie ribadit fil-kawża* ***"Debattista vs. Gatt et."*** *(Prim'Awla 12.3.1991) fejn ġie ritenut li meta sewwieq ikun qiegħed jagħmel manuvra li biha ser jostakola l-passaġġ regolari ta' vetturi ma għandu jieħu ebda riskju u f'każ ta' dubbju d-dmir tiegħu li jieqaf, jaghti avviż tal-intenzjoni tiegħu u jistenna sakemm u jkun ċert li jista' jissokta.*

*In vista tal-premess l-esponent jikkonkludi li ma hemmx biżżejjed provi sabiex jiġi konkluż li l-intimat Catania kellu tort. Illi għalkemm meta xehdet Puglisevich qalet li xegħlet l-indicator u ħarset, meta tkellmet mal-warden eżatt qabel il-ħabta qalet li ħarġet mill-parking. Illi kien id-dover tagħha li tara li setgħet tara mill-parking mingħajr ma tostakola t-traffiku fit-triq. Illi l-argument li Catania kien qed isuq b'speed eċċessiv mhux aċċettabbli għaliex m'hemmx prova ta' speed eccessiv u l-kaġun prinċipali tal-inċident ma kienx l-ispeed iżda l-manuvra ta' Puglisevich.*

*Għaldaqstant l-esponent ma għandux għalfejn jikkonsidra x-xhieda dwar l-ammont ta' danni u dan għaliex ġie konkluż li Catania ma kienx responsabbli għall-inċident."*

## L-Appell

6. L-appellant ħass ruħu aggravat bil-lodo arbitrali u interpona appell quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2018, fejn filwaqt li talab li jiġi revokat dak il-lodo arbitrali, jissottometti li l-aggravju tiegħu jikkonsisti fil-fatt li l-Arbitru ma apprezzax jew evalwa b'mod xieraq il-provi quddiemu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellant wieġeb fis-27 ta' Novembru, 2018, permezz tal-preżentata ta' risposta fejn qed jitlob il-konferma tal-lodo arbitrali stante li dan hu wieħed ekwu u ġust u l-aggravju mressaq mill-appellant mhuwiex ġustifikat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant, u dan flimkien mas-sottomissjonijiet imfissra mill-appellat fir-risposta tiegħu u fid-dawl tal-lodo arbitrali.

9. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jirrileva li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija msejsa fuq żewġ konsiderazzjonijiet: (i) Puglisevich kisret ir-regola 53 tal-*Highway Code*; u (ii) m'hemmx prova ta' veloċità eċċessiva u l-kawża tal-inċident ma kinitx il-veloċità tal-vettura l-oħra, iżda l-manuvra ta' Puglisevich. Dwar l-ewwel konsiderazzjoni, l-appellant jibda biex jispjega li r-regola 53 tal-*Highway Code,* kemm fil-verżjoni li ġiet ippubblikata fir-Renju Unit fil-1999 u addottat minn Transport Malta, u kif ukoll fil-verżjoni aġġornata fl-4 ta' Ġunju, 2018, ma kellhiex x'taqsam mal-każ odjern u jidher li l-Arbitru pjuttost kien qed jagħmel riferiment għar-regola 151 tal-*Highway Code* kif addottat minn Transport Malta, regola 159 fil-verżjoni tas-sena 2018. Iż-żewġ regoli ġew ċitati *ad verbatim* mill-appellant, flimkien max-xhieda ta' Puglisevich kif mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2017 quddiem l-Arbitru, u dik tal-appellat kif mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2017. L-appellant ikompli jissottometti li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu jirrileva li l-verżjoni li tat Puglisevich "eżatt wara l-inċident"

ma kinitx l-istess bħal dik fix-xhieda tagħha quddiemu. Min-naħa tiegħu l-appellant iħossu daqsxejn perpless li l-Arbitru ta tant importanza għal dak li qalet Puglisevich eżatt wara l-inċident, għaliex dak li qalet wara kollox ma kienx il-kuntrarju ta' dak li xehdet, fejn allura kien applikabbli l-prinċipju addottat fis-sentenza ***Ciantar vs. Coleiro*** (PA 13/7/2001) ċitata mill-Arbitru stess, li l-verżjoni mogħtija mix-xhud *a tempo vergine* lill-*warden* hija l-aktar waħda kredibbli. L-appellant jistaqsi li jekk bniedem b'qatgħa fuqu jinsa li jgħid kollox, dan kien ifisser li b'hekk ikun ippreġidika l-każ tiegħu? Min-naħa tiegħu l-appellat ma nnegax, la mal-*warden* u lanqas waqt ix-xhieda tiegħu, li Puglisevich kienet xegħlet l-*indicator.* Dan waħdu wera b'mod konklużiv li Puglisevich ma kinitx naqset milli żżomm a *proper lookout*. L-Arbitru naqas ukoll li jikkunsidra dak li xehdet Puglisevich, li hija kienet saħansitra ħarġet mill-parkeġġ u saqet tul ta' żewġ karozzi. L-istess verżjoni kienet tatha lill-*warden* meta qalet li kienet ħarġet mill-parkeġġ u t-Toyota ġiet b'veloċità qawwija ferm biex taqbiżha. Dan b'kuntrast mal-verżjoni tal-appellat li qal li hija kienet ħarġet f'salt mill-parkeġġ tagħha. Hawnhekk jgħid li huwa rilevanti l-iskizz tal-*warden* għaliex dan juri li l-marki tal-brejkijiet tal-vettura misjuqa mill-appellat jibdew minn kif din qabżet il-parkeġġ tal-vettura l-oħra. Għalhekk l-Arbitru ma kellux japplika l-obbligi ta' min ikun ħiereġ minn parkeġġ, iżda dawk ta' min ikun ħareġ diġà fit-traffiku skont ir-regola 160 tal-aħħar verżjoni tal-*Highway Code*. Kien jirriżulta wkoll mill-iskizz tal-*warden* li l-appellat kien qed jagħmel manuvra ta' sorpass, għalkemm fix-xhieda tiegħu nnega dan, fejn allura kienu applikabbli r-regolamenti 162, 163 u 167 tal-istess verżjoni tal-*Highway Code* u wkoll ir-regolament 152 fir-rigward ta' sewqan f'*built-up areas*. Hawnhekk l-appellant jiċċita awturi esteri dwar il-materja ta' sorpass.

Ikompli mbagħad billi jirrileva li l-Arbitru filwaqt li qal fil-lodo arbitrali li l-veloċità tal-vettura misjuqa mill-appellat kienet ta' xi 41 kilometru fis-siegħa, injora l-fatt li skont ix-xhieda ta' Joseph Muscat mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2017, kien hemm tabella fit-triq li kienet tindika veloċità massima ta' 30 kilometri fis-siegħa. Iżda dejjem kien jibqa' l-fatt li f'triq relattivament dejqa bħal Triq Fleur-de-Lys, veloċità ta' 41 kilometri fis-siegħa ma kinitx tajba f'ċirkostanzi ta' traffiku u b'hekk tinftiehem aħjar il-verżjoni *a tempo vergine* ta' Puglisevich li tgħid li l-appellat kien qed isuq b'veloċità eċċessiva. Hawnhekk l-appellant jiċċita wkoll ir-regolament 125 tal-*Highway Code* dwar il-veloċità. L-appellant jagħlaq is-sottomissjonijiet tiegħu billi jsostni li l-kawża tal-inċident kien proprju s-sewqan imprudenti tal-appellat u mhux xi kondotta kolpuża, esklużiva jew konkorrenti ta' Puglisevich.

10. L-appellat min-naħa tiegħu jgħid li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust u jimmerita konferma. Jissottometti li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar id-dinamika tal-inċident u għalhekk kien jonqos li jiġu stabbiliti l-obbligi tas-sewwieqa rispettivi. Huwa jagħmel riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Sede Inferjuri) (Għawdex) fl-ismijiet **Arthur Bigeni *vs.* Anthony Saliba** deċiża fis-26 ta' Ġunju, 2001, u jissottometti li l-Arbitru sewwa kkonstata li Puglisevich kienet naqset milli żżomm a *proper lookout* skont il-liġi. Din kellha tkun ċerta li l-manuvra tagħha ma kinitx ser ikollha effett fuq it-traffiku u in vista tal-fatt li l-viżwali f'dik it-triq kellha tkun tajba għal distanza twila, hija kellha tara aktar 'il bogħod minn tliet vetturi lura minnha. L-appellat jissottometti li huwa ma kienx jaqbel mal-ilment tal-appellant li l-Arbitru ta piż għal dak li qalet Puglisevich *a tempo vergine,* għaliex dak li jgħid xhud f'dak il-

ħin huwa tassew rilevanti u jista' wkoll iwaqqa' l-kredibilità ta' dak ix-xhud. Fil-każ odjern, peress li fattur deċisiv huwa proprju jekk Puglisevich żammitx *a proper lookout* meta ġiet biex toħroġ mill-parkeġġ, l-Arbitru għamel sew li nnota n-nuqqas li ssemmi *a tempo vergine* dawk il-prekawzjonijiet li ħadet qabel ħarġet fit-triq. Wara kollox, l-oneru tal-prova kien fuq l-appellant li kien qed jinqeda bix-xhieda tagħha. Min-naħa tiegħu l-appellat, kif sewwa nnota l-Arbitru, żamm ferm mal-verżjoni li kien ta *a tempo vergine*. Jissottometti li t-*tyre marks* kienu indikazzjoni li meta ħarġet Puglisevich mill-parkeġġ, il-vettura tal-appellat ma kienitx aktar minn żewġ tulijiet ta' karozza 'l bogħod u għalhekk fil-vista tagħha. Hawnhekk imbagħad l-appellat jgħaddi sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar jekk hu b'xi mod jista' jingħad li kkontribwixxa għall-inċident. Hawn ukoll l-Arbitru kien ġust meta ddeċieda li ma seta' jsib l-ebda nuqqas da parti tal-appellat fir-rigward tas-sewqan tiegħu. Dwar l-allegata manuvra ta' sorpass tentata mill-appellat, l-appellat jissottometti li hu ma kien qed iwettaq l-ebda manuvra bħal din u jinnota li saħansitra Puglisevich ma tagħmel l-ebda riferiment għall-allegata manuvra fix-xhieda tagħha. Din kienet ammettiet biss li ma kinitx rat il-vettura tal-appellat qabel l-inċident u in vista ta' dak li qalet, l-appellant ma setax jargumenta li l-appellat kien qed iwettaq manuvra ta' sorpass. L-istess jgħid l-appellat jista' jingħad għal dak li qalet Puglisevich *a tempo vergine*. Wara kollox, ikompli jissottometti l-appellat, ma kien hemm xejn fl-iskizz li kien juri li huwa kien qed iwettaq tali manuvra. Fix-xhieda tiegħu jiddikara saħansitra li ma kien qed iwettaq l-ebda manuvra ta' sorpass u l-vettura misjuqa minnu spiċċat fil-pożizzjoni indikata fl-iskizz kaġun tal-inċident. L-appellat isostni li l-*brake marks* u l-pożizzjonijiet taż-żewġ vetturi kienu konsegwenti għall-

inċident u mhux anteċedenti għalih. Dwar l-allegata veloċità eċċessiva tiegħu, l-appellat jikkontendi li ma jistax ikun li Puglisevich qalet li ma kinitx rat il-vettura tiegħu, iżda fl-istess nifs qalet ukoll li rat lill-appellat qed isuq b'veloċità. Għalkemm l-appellant jittenta juża t-tul tal-*brake marks* sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu, l-Arbitru ġustament osserva li ma kienx hemm prova li l-appellat kien qed isuq b'veloċità eċċessiva u li l-kaġun tal-inċident ma kinitx il-veloċità tal-vettura tal-appellat iżda l-manuvra ta' Puglisevich. Fl-aħħar sottomissjoni tiegħu l-appellat jgħid li mingħajr preġudizzju għal dak kollu li ntqal fir-risposta tiegħu, jekk din il-Qorti jogħġobha ssib l-appell ġustifikat, allura huwa kien qed jirriżerva l-posizzjoni tiegħu dwar il-*quantum* tad-danni reklamati u l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-Arbitru sabiex dan jiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-*quantum* tad-danni.

11. L-ewwel osservazzjoni li għamel l-Arbitru hija li bla dubju min ikun ser joħroġ minn parkeġġ għandu joqgħod attent li ma jkunx ta' tfixkil għall-vetturi l-oħra fit-triq. Kompla billi għamel riferiment għal dak li qalet Puglisevich fil-verżjoni tagħha lill-*warden* proprju hekk kif kien seħħ l-inċident, jiġifieri sempliċement li hija kienet ħarġet mill-parkeġġ u li ma qalitx li ħarset jew li xegħlet l-*indicator.* Għalhekk huwa minnu li l-Arbitru hawnhekk ma ta l-ebda konsiderazzjoni dwar x'kienet proprju l-manuvra ta' Puglisevich u l-Qorti ser teżamina l-fatti riżultanti fil-każ odjern bil-għan li jiġi deċiż jekk fil-ħin tal-inċident Puglisevich kinitx qiegħda toħroġ mill-parkeġġ jew jekk kienet diġà ħarġet u qabdet sew it-triq prinċipali. Skont l-appellant, kif xehdet Puglisevich din kienet diġà ħarġet mill-parkeġġ u saqet distanza ta' żewġ vetturi qabel seħħ l-impatt. L-appellant issottometta li xhieda ta' dak li qalet Puglisevich hija

l-verżjoni li tat lill-*warden* ta' kif seħħ l-inċident u wkoll l-indikazzjoni tat-*tyre marks* tal-vettura misjuqa mill-appellat li bdew wara li din il-vettura qabżet il-parkeġġ tal-vettura l-oħra. Għalhekk jinsisti li in vista ta' dan l-Arbitru ma kellux japplika fir-rigward tagħha l-obbligi ta' sewwieqa ħierġa minn parkeġġ, iżda dawk relattivi għal sewwieqa li tkun diġà ħarġet għal ġot-*traffic flow*.

12. Il-verżjoni ta' Puglisevich fit-*Traffic Accident Report* taqra hekk:

> *"Ħriġt mill-parking u DBM 086 ġie bi speed qawwi ħafna. Ipprova jaqbiżni. Kienu ġejjin karozzi min faċċata. Ġibed għal fuqi, laqatni u tefgħani fuq KBN 024, li kienet ipparkjata."*

Il-verżjoni tal-appellat taqra kif ġej:

> *"Kont qed insuq u LCR 519 kienet ipparkjata u ħarġet f'salt mill-parking."*

13. Qabelxejn għandu jingħad li l-Arbitru sewwa għamel meta straħ fuq din il-verżjoni ta' Puglisevich wara li kkunsidra dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ciantar *vs.* Coleiro**. Huwa aċċettat minn dawn il-qrati li l-verżjoni l-aktar kredibbli ta' sewwieq hija dik li huwa jkun ta proprju kif iseħħ l-inċident u għalhekk dak li qalet Puglisevich *in tempo vergine* għandu jingħata aktar piż minn dak li sussegwentement xehdet quddiem l-Arbitru. Din il-Qorti ma tara l-ebda konflitt bejn il-verżjoni ta' Puglisevich u dik tal-appellat għal raġuni oħra minbarra dik li jgħid l-appellant. Puglisevich tikkonferma hija stess li l-vettura tal-appellat ġiet għal fuqha hekk kif ħarġet mill-parkeġġ. Min-naħa l-oħra l-verżjoni tal-appellat li ħarġet f'salt b'mod li ħasditu, bla dubju ma tmurx kontra dak li qalet Puglisevich. Barra minn hekk l-iskizz tat-*Traffic Accident Report* jindika li din bilkemm jista' jingħad li daħlet

fil-linja tat-traffiku fit-triq meta seħħ l-inċident, għaliex l-vettura misjuqa minnha waqfet wara l-impatt biss madwar tul ta' żewġ vetturi 'l bogħod mill-parkeġġ li kienet ħarġet minnu.

14. Kif jixhdu l-marki tal-brejkijiet fit-triq, il-Qorti tifhem li ma kien hemm l-ebda tentattiv ta' sorpass kif qed jallega l-appellant, iżda biss manuvra sabiex jiġi evitat impatt bejn il-vetturi hekk kif il-vettura misjuqa minn Puglisevich ħarġet f'salt fit-triq prinċipali. U jekk wieħed jikkonsidra li l-ispazju isfar quddiem il-parkeġġ ta' Puglisevich kien vojt u li hija setgħet l-ewwel saqet għal fuqu qabel ma ħarget fit-triq, dan kollu jispjega għaliex (a) il-marki tal-brejkijiet tal-vettura misjuqa mill-appellat jibdew hekk kif tispiċċa l-kaxxa tal-parkeġġ tagħha; u (b) għaliex l-appellat inħasad bil-manuvra tagħha. Dan jixhdu l-appellat stess fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2017, quddiem l-Arbitru meta jgħid, "*when I saw the vehicle coming out I tried to avoid by hitting the brakes and swerved but I kept the vehicle straight as there was oncoming traffic."*

15. Għalhekk il-marki juru li l-appellat meta żamm il-brejkijiet fl-istess ħin ġibed 'il barra sabiex jevita lill-vettura misjuqa minn Puglisevich, u fl-istess ħin dawk il-marki huma xhieda tal-fatt li hija baqgħet issuq forsi wkoll mingħajr ma ntebħet li kienet ikkawżat tfixkil u saħansitra periklu lis-sewwieq li kien ġej minn warajha fit-triq. Kif sewwa jissottometti l-appellat, ix-xhieda ta' Puglisevich mogħtija quddiem l-Arbitru fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2017, ma tikkonfermax dak li hemm imniżżel fit-*Traffic Accident Report,* għaliex filwaqt li f'dan tal-aħħar saħansitra hemm indikat li hija kienet rat il-vettura misjuqa mill-appellat qed tinstaq b'veloċità qawwija u li din pruvat tagħmel manuvra ta' sorpass, fix-xhieda tagħha tgħid li *"l-van ta' Catania ma rajtu fl-ebda ħin."*

16. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-pożizzjoni legali meħuda mill-Arbitru skont il-ġurisprudenza tagħna, jiġifieri li l-verżjoni mogħtija minn sewwieq *a tempo vergine* hija l-aktar waħda kredibbli u għalhekk għandha tkun aktar verosimili u fil-fatt aktar taqbel ma' dak li jirriżulta mill-iskizz il-verżjoni li tat Puglisevich hekk kif seħħ l-inċident, ukoll fejn din tonqos milli ssemmi ċertu dettalji ta' importanza, wkoll bħal pereżempju jekk kellhiex vista tajba jew ostakolata. Il-Qorti tgħid ukoll li ċertament dik il-verżjoni mogħtija *a tempo vergine* tibqa' tgħodd sakemm il-provi l-oħra miġjuba ma jurux xort'oħra, li mhux fil-każ odjern.

17. Il-Qorti taqbel ukoll mal-Arbitru li s-sewwieqa Puglisevich ma żammitx a *proper lookout* u saħansitra kienet negliġenti fis-sewqan tagħha b'mod li fixklet lis-sewwieq fit-triq prinċipali u ħolqot periklu serju għalih u wkoll għal sewwieqa oħra.[1] Jkun inutli li sewwieq jixgħel l-*indicators* u jagħti titwila jekk hemmx vetturi oħra ġejjin minn warajh qabel ma joħroġ fit-triq prinċipali, jekk ma jaċċertax ruħu li mhux ser ifixkel b'xi mod lil sewwieqa fit-triq prinċipali. Ma jista' jagħmel l-ebda tentattiv u ma jista' jieħu l-ebda riskju sabiex joħroġ għal ġot-triq prinċipali mingħajr ma jkollu s-serħan assolut tal-moħħ li mhux ser ikun ta' periklu għal ħaddieħor.

18. L-appellant jallega li kienet proprju l-veloċità eccessiva tal-appellat li waslet għall-inċident. L-Arbitru ma laqgħax l-argument tal-appellant għaliex ma sabx li kien hemm prova ta' veloċità eċċessiva da parti tal-appellat. Mit-tul tal-marki tal-brejkijiet seta' jikkostata li l-appellat fil-ħin tal-inċident kien qed isuq b'veloċita' ta' cirka 41 kfs u ma kien hemm l-ebda prova li l-veloċità tiegħu

[1] Ara App. Inf. **Dottor Remigio Zammit Pace noe et *vs.* Carmen Grima**, 16.05.97.

kienet waħda eċċessiva. Skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna[2], huwa biss fejn il-veloċità eċċessiva tkun il-kawża tal-inċident inkwistjoni li s-sewwieq jitgħabba bir-responsabbilità ta' dak l-inċident. Fil-każ odjern veloċità ta' ċirka 41kfs għalkemm aktar mill-massimu stabbilit għall-inħawi fejn ġara l-inċident, la tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda tassew eċċessiva u lanqas ma jista' jingħad li kienet kaġun tal-inċident, għaliex kif qal l-Arbitru, kienet il-manuvra ta' Puglisevich li kkawżat l-inċident inkwistjoni.

19. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellant mhumiex ġustifikati u għalhekk tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma fl-intier tiegħu l-lodo arbitrali.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk ta' din l-istanza jkunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

---

[2] *Ibid.*